TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Josephine Buhagiar

vs

Raymond Grech - Homestyle

CCT G/9/18/MS

10 ta' Jannar 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fil-11 ta' Lulju 2018 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' hames mitt Euro, depozitu mhallas fuq ordni tal-ghamara, li saret fid-19 ta' Dicembru 2017, liema ordni ma gietx imwettqa fiz-zmien illi ppretendiet ir-rikorrenti.

Ra r-risposta tal-intimat ipprezentax fis-17 ta' Awwissu 2017 fejn cahad it-talbiet tar-rikorrenti u qal li jekk kien hemm xi dewmien, dana ma kienx it-tort tieghu izda tort tal-fornitur esteru illi baghat ix-xoghol tard. Ta' dan ir-rikorrenti kienet ben konsapevoli aktar u aktar kif jidher mit-*terms & conditions* tal-*order form* moghtija lilha.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi fid-19 ta' Dicembru 2017, ir-rikorrenti marret ghand l-azjenda intimata fejn hemmhekk ordnat *sideboard* u *TV stand* ghal prezz totali ta' €5,192, li minnhom hallset hames mitt Euro depozitu, biex b'hekk kien fadal bilanc ta' €4,692. Mal-ordni ir-rikorrenti tghid illi kienu ftehmu illi x-xoghol kellu jigi konsenjat sal-ahhar ta' Frar 2018. Raymond Grech ma jeskludix illi seta' sar dan il-ftehim izda ma ftakarx. Hu x'inhu, ix-xoghol ittardja u r-rikorrenti tghid illi kienet lesta tistenna sa' Gunju. Fil-frattemp, sar hafna skambju ta' telefonati u emails fejn Grech informa lir-rikorrenti li kien hemm xi problemi fil-fabbrika fl-esteru u ghalhekk ix-xoghol kien ser jittardja iktar. Ix-xoghol wasal Malta u kien lest ghal *delivery* f'Lulju tat-2018, izda meta Grech infurmat lir-rikorrenti biex jiftehmu ghal konsenja, din tal-ahhar ma accettatx, qaltlu li ma kenitx interessata aktar f'din l-ordni u talbitu id-depozitu lura. Grech ghamel referenza ghat-*terms and conditions*, partikolarment ghal klawzola sitta li ighid '*deposits are non refundable*', u irrifjuta t-talba tar-rikorrenti.

Finalment saret din il-kawza.

Ikkunsidra

Illi mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti hallset lill-intimat is-somma ta' hames mitt Euro depozitu fuq ordni tal-ghamara li saret fid-19 ta' Dicembru 2017. Minkejja illi ma hemmx qbil fuq iz-zmien meta kellha tigi konsenjata din l-ghamara, zgur illi din ittardjat b'hafna xhur. Kien hemm skambju ta' korrispondenza u telefonati bejn il-partijiet, fejn l-iskuza tal-intimat kienet dejjem li l-kumpanija li kellha tforni l-ghamara mill-esteru kellha xi problemi u ma setghetx tikkonsjena fil-hin. Pero' assikuraha li l-ordni kienet se ssir u ser tigi konsenjata. Ir-rikorrenti tghid illi tat terminu sal-bidu tal-Gunju sabiex tigi konsenjata l-ghamara u meta din ma gietx, tilfet kull interess u fiducja fl-ordni u fl-intimat u qaltlu car u tond illi l-ghamara ma redithiex anki wara li giet notifikata li l-ghamara wasslet u kienet lesta biex tigi konsenjata. (Lulju 2018).

L-intimat qed jibbaza d-difizia tieghu fuq it-termini u kondizzjonijiet li jidhru fid-dokument tal-ordni (dokJB2), liema dokument avolja mhux iffirmat mir-rikorrenti kienet ben konsapevoli ghaliha, u kienet taf x'kien fihom dawn il-kondizzjonijiet. Tant u hekk li fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2019 iddikjarat car u tond li rat it-*terms and conditions* u kienet taf x'fihom. Mistoqsija dwar il-kundizzjoni numru 6, dwar id-depozitu u li dan ma jkunx rifuz, ir-rikorrenti wiegbet li ma kellhiex xi tghid dwar din il-kundizzjoni. Terga' u tghid, tikkonferma li Grech kien ighidilha li t-tort tad-dewmien kien il-kumpanija ta' barra illi ma baghtitix l-ordni fil-hin u kkonfermat l-ewwel kondizzjoni li l-azjenda intimata ma tkunx responsabbli fil-kaz ta' dewmien **li ma tkunx it-tort taghha**. Tghid 'jien kont naf biha'.

Ikkunsidra

Ovvjament minkejja li r-rikorrenti ma ffirmatx id-dockument JB2, dana xorta ighodd bhala rabta bejn il-partijiet peress illi bil-hlas ta' depozitu ta' hames mitt Euro u l-accettazjoni tieghu, giet iffurmata relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet soggetta ghat-termini u kondizzjonijiet imsemmija fid-dokumenti JB2. Dana jghid car u tond li d-depozitu ma jkunx rifondibbli, u li l-azjenda intimata ma tistax tkun responsabbli ghal dewmien li jkun barra l-kontroll tal-azjenda. Pero', it-Tribunal ihoss illi biex tezimi ruhu minn dan ir-responsabbilita' l-azjenda kellha ggib prova tal-fatt illi d-dewmien kien barra l-kontroll taghha. Bir-rispett dan m'ghamlitux. Ma gietx esebita imqar korrispondenza wahda li setghet b'xi mod tikkorrobora dak illi qal l-intimat, fejn allura din id-dikjarazzjoni tibqa' wahda unilaterali u ma torbotx il-parti l-ohra li ma kellha l-ebda access ghal din il-korrispondenza jekk verament kienet tezisti.

Dwar il-klawzola tad-depozitu, li dan ma jkunx rifuz, it-Tribunal jifhem illi jekk il-konsumatur ihassar in-negozju ghal ebda raguni, allura f'dan il-kaz ma jkunx eligibbli ghar-

refuzjoni tad-depozitu. Izda f'dan il-kaz, ir-rikorrenti kellha kull ragun illi thassar in-negozju stante d-dewmien esagerat ghal konsenja tal-ghamara u minkejja l-weghdiet ripetuti tal-intimat, din l-ghamara baqghet mhux konsenjata. Kien biss sebgha xhur wara l-ordni illi rceviet avviz minghand l-intimat illi l-ghamara wasslet. La r-rikorrenti u l-anqas it-Tribunal ma ghandu xi mezz biex jivverifika l-veracita' tal-iskuza li gab l-intimat.

It-Tribunal jirreferi expressament ghall-Artikolu 44 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur li jistabilixxi ghal termini mhux gusti li jippregudikaw il-konsumatur. Jirreferi ghal subincizi (e) (k) (l) li ighidu li ma jkunx gust jew legali li f'kuntratti il-konsumatur jintrabat b'termini li jkunu mhux gustt. Dawn it-termini u kundizzjonijiet ikunu meqjusa li qatt ma saru.

*(e) making an agreement binding on the consumer whereas the provision of services of goods by the trader is subject to a condition that depends on the will of the trader.*
*(k) prohibiting the consumer from seeking the cancellation of the contract if the trader fails to fulfill his obligations*
*(l) restricting the right of the consumer to cancel the contract if the trader fails to fulfill his obligation within a reasonable time .*

F'dan il-kaz, fin-nuqqas ta' prova lampanti li l-intimat ma kellux tort ghad-dewmien fil-konsenja tal-ghamara u stante l-fatt li rrizulta ppruvat li kien hemm dewmien mhux ragonevoli ghal konsenja tal-ghamara, it-Tribunal ihoss illi r-rikorrenti kellu kull dritt tikancella l-ordni u jekk l-intimat jigi biex izzomm id-depozitu ikun kaz ta' arrikament mhux gust bi pregudizzju ghar-rikorrenti. Fic-cirkostanzi it-Tribunal ihoss illi r-rikorrenti ghandha ragun fit-talba taghha.

Ghal dan ir-raguni, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-azjenda intimata/ konvenut ihallasaha s-somma ta' hames mitt Euro. Bl-ispeejes kontra l-istess azjenda intimata/ konvenut.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru